

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Ottubru 2010 — Il-Kummissjoni Ewropea vs Ir-Repubblika tal-Awstrija**

(Kawża C-516/10)

(2011/C 13/38)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: G. Braun u E. Montaguti, aġenti)

*Konvenuta:* Ir-Repubblika tal-Awstrija

**Talbiet tar-rikorrenti**

— tikkonstata li, billi żammet fis-seħħ l-Artikolu 5, flimkien mal-Artikolu 2(3) u (4), u l-Artikolu 6(2)(g) tal-Vorarlberger Grundverkehrsgesetzes (VGVG), ir-Repubblika tal-Awstrija kisret l-Artikoli 49 u 63 TFUE;

— tikkonstata li, billi żammet fis-seħħ l-Artikolu 6(2)(d), flimkien mal-Artikolu 2(3) u (4), tal-VGVG, ir-Repubblika tal-Awstrija kisret l-Artikoli 49 u 63 TFUE;

— tikkundanna lir-Repubblika tal-Awstrija għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Il-Kummissjoni ma hijiex tikkontesta li l-Istati Membri jistgħu jillimitaw l-akkwist ta' artijiet fuq il-bażi tal-interess pubbliku. Madankollu, id-dispożizzjonijiet tal-Vorarlberger Grundverkehrsgesetzes (VGVG) invokati f'din il-kawża jikkostitwixxu restrizzjoni sproporzjonata tal-moviment liberu tal-kapital u tal-libertà ta' stabbiliment.

B'mod partikolari, ir-regola msejħa r-regola tal-partijiet interessati, li permezz tagħha l-VGVG tagħti prijorità lill-bdiewa fuq persuni li ma humiex bdiewa fir-rigward tal-akkwist ta' art agrikola, hija sproporzjonata. Li l-art inkwistjoni tibqa' tintuża għal skopijiet agrikoli jista' jiġi ggarantit ukoll, pereżempju, meta l-eventwali akkwirent ikollu l-intenzjoni li jikri l-art inkwistjoni lill-kerrej attwali għal perijodu twil.

Bl-istess mod, ma huwiex ċar għalfejn ir-regola tal-partijiet interessati tapplika wkoll meta l-proprietarju attwali jagħti l-art tiegħu bħala kontribuzzjoni *in natura* lil kumpannija jew lil trust, u dan minkejja li jkun iggarantit li l-art inkwistjoni se tibqa' tintuża għal skopijiet agrikoli.

Fil-fehma tal-Kummissjoni, huwa wkoll sproporzjonat li r-regola msemmija tal-partijiet interessati terġa' tiġi applikata meta l-akkwist ma jirnexxi minħabba raġunijiet li ma jkunx marbuta mal-persuna tal-bejjiegħ.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tikkritika l-fatt li l-VGVG b'ebda mod ma tippredvi regola li tippermetti l-bejgħ ta' art agrikola mingħajr l-obbligu għall-proprietarju li jużaha għal skopijiet agrikoli meta ma jkunx hemm interess min-naħa tal-bdiewa fil-kultivazzjoni tal-art agrikola inkwistjoni.

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division) fit-2 ta' Novembru 2010 — Yeda Research and Development Company Ltd, Aventis Holdings Inc vs Comptroller-General of Patents**

(Kawża C-518/10)

(2011/C 13/39)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

**Qorti tar-rinviju**

Court of Appeal (England & Wales) (Civil Division)

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Yeda Research and Development Company Ltd, Aventis Holdings Inc

*Konvenut:* Comptroller-General of Patents

**Domanda preliminari**

Jekk il-kriterji biex jiġi deċiż jekk prodott huwiex "protett minn privattiva bażika fis-seħħ" taħt l-Artikolu 3(a) tar-Regolament <sup>(1)</sup> jinkludu jew jikkonsistu f'evalwazzjoni tal-kwistjoni jekk il-provvista tal-prodott tivvolax il-privattiva bażika, il-fatt li l-vjolazzjoni seħħ permezz ta' vjolazzjoni indiretta jew kontributorja bbażata fuq l-Artikolu 26 tal-Konvenzjoni Komunitarja dwar il-Privattivi, ippromulgat bħala l-Artikolu 60(2) tal-Patents Act 1977 fir-Renju Unit, u d-dispożizzjonijiet korrispondenti fil-liġijiet tal-Istati Membri l-oħra tal-Komunità jagħmel xi differenza għall-analiżi?

<sup>(1)</sup> Regolament (KE) Nru 469/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-6 ta' Mejju 2009, dwar iċ-ċertifikat ta' protezzjoni supplimentari għal prodotti mediċinali  
ĠU L 152, p. 1

**Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Bari (l-Italja) fis-27 ta' Ottubru 2010 — Giovanni Colapietro vs Ispettorato Centrale Repressioni Frodi**

(Kawża C-519/10)

(2011/C 13/40)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Bari

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrent:* Giovanni Colapietro

*Konvenut:* Ispettorato Centrale Repressioni Frodi